**Nru. 1037**

**ORDNI GĦALL-KONSERVAZZJONI**

**Artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp**

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tiddikjara li l-monument imsemmi, jiġifieri:-

Il-Batterija ta' Sant'Antnin
Ras il-Qala
Qala, Ghawdex

(ara l-pjanta f'paġna 9976) hi ta' valur arkitettoniku u storiku u li ġiet inkluża fil-lista ta' proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp u skond in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 731/94 kif ippubblikata fil-Gazzetta tal Gvern fil-15 ta' Novembru 1994.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-Batterija ta' Sant' Antnin għandha bżonn tiġi kkonservata u għalhekk qiegħda toħroġ Ordni għall-Konservazzjoni fir-rigward tal-monument imsemmi hawn fuq skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

Il-Batterija ta' Sant'Antnin qiegħda ssofri minn degradazzjoni kkawżata mill-elementi naturali, minn traskuraġni u impatti oħra umani. Fil-fatt partijiet minn dan il-monument diġa waqgħu u partijiet oħra jinsabu fi stat perikoluż li jiġġarrfu. Ghalhekk, japplikaw id-dispoħizzjonijiet li ġejjin:

1. Qegħda tiġi stabbilita żona ta' protezzjoni madwar il-Batterija ta' Sant' Antnin (ara l-pjanta annessa). F'din iż-żona hu biss permess xoghol ta' konservazzjoni tal-monument u l-paesaġġ ta' madwaru. L-istess żona għandha tiggarantixxi aċċess liberu madwar il-Batterija u li sservi għall-konservazzjoni u l-apprezzament sħiħ tal-monument.

2. Il-manutenzjoni ta' dan il-monument taqa' direttament u esklussivament taħt ir-responsabbiltà tas-sid.

3. Il-Batterija ta' Sant'Antnin u l-inħawi tal-madwar

**No. 1037**

**CONSERVATION ORDER**

**Section 46 of the Development Planning Act, 1992**

THE Malta and Planning Authority declares that the following monument, namely:-

St. Anthony's Battery,
Ras il-Qala
Qala, Gozo

(Refer to site plan on page 9976) is of architectural and historical importance such that the monument has been included in the list of Scheduled property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992 as a Grade 1 monument according to Government Notice No. 731/94 as published in the Government Gazette dated 15th November 1994.

The Authority also believes that St. Anthony's Battery is in need of conservation and is hereby issuing a Conservation Order in respect of the above monument in accordance with Section 46 of the Development Planning Act (1992).

St Anthony's Battery is suffering from natural deterioration, neglect and from human impact. In fact, parts of the site have already collapsed and others are in imminent danger of collapse. For this reason the following provisions apply:

1. This Conservation Order establishes a buffer zone around St Anthony's Battery (refer to attached site plan). Only conservation works of the monument and its surrounding landscape within the buffer zone are allowed. The buffer zone shall guarantee free access to the monument and allows for the conservation and the full appreciation of the monument.

2. The maintenance of the said monument shall be exclusively the responsibility of the owner.

3. The monument and its surroundings shall be maintained

għandhom ikunu kkonservati u ppreservati skond programm kontinwu ta’ manutenzjoni.

4. Fi żmien sitt xhur mill-ħruġ ta’ din l-Ordni għall-Konservazzjoni, is-sid għandu jħejji rapport dettaljat dwar ir-restawr tal-Batterija ta’ Sant’Antnin u l-inħawital-madwar. L-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b’konsultazzjoni mat-Taqsima tar-Restawr fi ħdan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u partijiet oħra interessati, għandha tfassal termini ta’ riferenza għar-rapport dwar ir-restawr. Dan ir-rapport għandu jinkludi rapport tekniku li jiddiskrivi l-istat ta’ konservazzjoni, il-kawzi ta’ deterjorazzjoni, il-metodoloġija u l-materjali li se jiġu użati fil-konservazzjoni u r-restawr tal-monument u l-inħawi ta’ madwaru.

5. Kull kontravenzjoni eżistenti fil-Batteriija ta’ Sant’Antnin u fiż-żona ta’ lqugħ għandhom jitneħħew kif stipulat fir-rapport dettaljat dwar ir-restawr minn, u/jew għall-ispejjeż tas-sid, jew minn min qed juża l-art, jew min ikun kiser il-liġi skond struzzjonijiet mogħtija mill-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b’konsultazzjoni mat-Taqsima tar-Restawr, u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali skond kif provdut fl-Artikoli 46, 52, 53 u 55 ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Iżvilupp, 1992.

6. Kull xogħol ta’ *landscaping*, tisbiħ jew titjib ta’ faċilitajiet fiż-żona ta’ lqugħ madwar il-batterija li jistgħu jkunu aċċettabbli għandhom ikunu approvati mill-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar permezz tal-proċess formali ta’ applikazzjoni għal żvilupp skond kif provvdut fl-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Iżvilupp, 1992.

7. Il-programm ta’ restawr għandu jitfassal fuq il-kriterji stabbiliti fil-Konvenzjonijiet, *Charters* u protokolli stabbiliti mill-Kunsill ta’ l-Ewropa u l-UNESCO li Malta ffirmat għalihom.

Jekk issir ħsara jew alterazzjoni bi ksur ta’ din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta’ twettiq, kif imfissra fl-Artikoli 46, 52, 53 u 55 ta’ l-Att. L-Att jaħseb għall-pieni ħorox għall-ksur ta’ kontroll fuq Proprjetà Skedata.

L-14 ta’ Ottubru, 2005

and conserved by means of a continuous maintenance programme.

4. Within 6 months of this issue of this Conservation order the owner shall prepare a detailed method statement for the full conservation of the monument and the surrounding area. The Malta Environment and Planning Authority in consultation with the Restoration Unit of the Works Department, the Superintendence of Cultural Heritage and other interested parties shall issue terms of reference for the method statement. The method statement shall include a technical report describing the state of conservation, the causes of deterioration, the methodology and materials to be used in the conservation and restoration of the monument and its surroundings.

5. All existing infringements within the monument and its buffer zone shall be removed as recommended in the restoration method statement by, and/or at the expense of the owner, land user, or perpetrator under instructions and the supervision of the Malta Environment and Planning Authority, in consultation with the Restoration Unit and the Superintendence of Cultural Heritage as set out in Sections 46, 52, 53 and 55 of the Development Planning Act (1992).

6. Any landscaping, embellishment works and improvements that may be acceptable within the monument and the buffer zone shall be subject to approval by the Malta Environment and Planning Authority through a formal development application process as provided for in the Development Planning Act (1992).

7. The restoration programme has to follow the criteria established by the Council of Europe and UNESCO in their Conventions, Charters and Protocols, to which Malta is signatory.

If the property is damaged or altered in contravention of this order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Sections 46, 52, 53 and 55 of the Development Planning Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

14th October, 2005


St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846
MALTA ENVIRONMENT
AND PLANNING
AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E39593, N87620
Max E40519, N88453
Title :-
Conservation Order
St. Anthony's Battery
Qala Gozo
Ref No. :- GF 860/02
1 - St. Anthony's Battery
2 - Quarry of St. Anthony's Battery
3 - Buffer Zone
Battery and Quarry are
Scheduled as Grade 1
as per GN No. 731/94
dated 15/11/94
Form No. :- MU064
N
0
0.2
0.4
km